# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Numru: 2644

Kaz Nru: 3469/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn

Philip D'Anastasi (KI: 0391664M)

vs

Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C 48875) u l-Avukat Dottor Luciano Busuttil (KI: 373574M) bhala stralcarju tas-socjeta' Malta Public Transport Services Limited (C63328) u li wara digriet datat 15 ta' Novembru 2018 l-Avukat Luciano Busuttil bhala stralcarju tas-socjeta' Malta Public Transport Services Limited qieghed jigi lliberat mill-gudizzju

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ); FIPD**

**Illum il-Hamis 16 ta' Jannar, 2020**

1. **L-Okkju**

   Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2018 intlahaq qbil bejn ir-Rikorrent u s-Socjeta` illi l-proceduri tal-Kaz jinzammu kontra Malta Public Transport Services (Operations) Ltd biss.

2. **Rikors Promotur**

   Ir-Rikorrent irregistra rikors promotur nhar it-22 ta' Gunju 2016.

Ir-rikors promotur jikkontendi li r-Rikorrent kien impjegat *full time* ghal zmien indefinit bhala *bus driver* mas-Socjeta`; il-kuntratt ta' l-impjieg kien sar ma' Arriva Ltd., li kienet tipprovdi t-trasport pubbliku nazzjonali tal-karozzi tal-linja qabel is-Socjeta`. Huwa dejjem ghamel xogholu bl-ahjar mod possibbli u qatt ma nghata *warning* bil-miktub. Il-motivazzjoni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-Rikorrent ma kenux tajba u bizzejjed skont il-Ligi. Ir-Rikorrent talab lit-Tribunal sabiex dan jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu minn mas-Socjeta` kienet ingusta u sabiex jaghti l-provvedimenti kollha opportuni f'dar-rigward *ai termini* ta' l-Artiklu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz illi tikkundanna lis-Socjeta` taccetta lir-Rikorrent lura ghax-xoghol, u inkluz illi r-Rikorrent jithallas kumpens gust.

Ir-Rikorrent, permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub li kienet ricevuta mit-Tribunal nhar is-16 ta' Settembru 2016 ikkonferma li d-dettalji tar-rikors promotur ikkostitwew id-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu.

3. **Risposta**

Ir-risposta tas-Socjeta` kienet ricevuta mit-Tribunal fis-7 ta' Ottubru 2016. Hija eccepiet illi t-talbiet tar-Rikorrenti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u li t-tkeccija saret ghal raguni gusta u sufficjenti.

Il-motivazzjoni tat-tkeccija kienet illi fit-3 ta' Frar 2016 ir-Rikorrent kien irrapurtat minn *VDL Controller*[1] tas -Socjeta`, illi kien qed jahdem rotta tal-linja bil-*destination* mitfija b'konsegwenza li l-passiggieri li kienu qed jistennew fuq l-i*stages* ma bdewx iwaqqfu l-*bus* ghaliex ma kenitx qieghda turi li kienet qed topera u/jew liema rotta qeghda topera. Il-*VDL Controller* pprova jcempillu biex javzah illi l-*bus destination sign* tieghu kien mitfi. Ir-Rikorrent ma rrispondiex.

Il-fatt illi meta sehh l-incident ir-Rikorrent kien qieghed isuq l-ahhar rotta tal-gurnata, u li kien tefa s-*sign* kienu prova li r-Rikorrent evita li jghabbi l-passiggieri biex ifittex ilesti minn xogholu.

Inzammet laqgha dixxiplinarja, li matulha s-Socjeta` giet imgharrfa li r-Rikorrent qabez bicca mir-rotta.

Dan kollu kien nuqqas serju tad-dmirijiet tar-Rikorrent, ghad-detriment kummercjali u reputazzjoni tas-Socjeta` u ghad-detriment tal-pubbliku illi ma kienx qed jigi pprovdut it-trasport xieraq.

[1] Fiz-zmien ta' l-incident is-Sur Abdilla kien Services Standard Manager (pagna 1 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016).

Pendenti dawn il-proceduri dixxiplinarji, ir-Rikorrent kien soggett ghal zewg *charge letters* ohra dwar kollizjonijiet bil-vetturi tas-Socjeta`. Dawn l-incidenti ma ffurmawx parti mill-motivazzjoni ghat-tkeccija peress illi l-incident tat-3 ta' Frar 2016 kien ghal kawza gusta u sufficjenti.

Is-Socjeta` talbet lit-Tribunal jichad it-talbiet tar-Rikorrent.

4. **Kumment**[2]

Is-Socjeta` harget l-ittra ta' tkeccija. Ir-Rikorrent appella nternament. Permezz ta' ittra datata 5 ta' Mejju 2016 ikkonfermat it-tkeccija b'effett mill-24 ta' Frar 2016.

Mhux gust illi lil ex impjegat thallih jistenna tlett xhur biex hu jkun jaf fiz-zgur, jigifieri wara li jkun sar is-smiegh ta' l-appell, jekk id-decizjoni tat-tkeccija tkunx se tigi kkonfermata jew le, meta huwa ghandu sa erba' xhur mill-ahhar gurnata ta' mpjieg tieghu biex jirreferi l-kaz tieghu lit-Tribunal,. Min ihaddem ghandu jaghmel mezz u f'isem il-*fairness* jizbriga l-process, u naturalment minghajr ma jissagrifika l-ezawriment tad-difiza li l-ex impjegat jaghmel fl-appell intern u r-riflessjoni xierqa min-naha ta' l-*employer* rigward tali difiza.

5. **Kunsiderazzjonijiet**

5.1. Jirrizulta lit-Tribunal illi r-Rikorrent:

5.1.1. tefa d-dawl tal-karozza tal-linja meta kien ghadu fuq ir-rotta

Skond il-Minuti tas-smiegh dixxiplinarju ntern tal-11 ta' Frar 2016, li ma gewx ikkontestati, ir-Rikorrent qal, "… Jista' jkun illi tfejtha. … Safejn naf jien ma tfejtx *destination*. Issa jekk meta tfejt id-dawl bi zball tfejt lilha ma nafx. Jien nahseb illi jista' jkun illi kienet mitfija. Gieli gratli ninsa nixghelha."

Ir-Rikorrent xehed, "Ghedtlu (lis-Sur Simiana), 'Jista' jkun li lqatt xi *switch*."[3] (Pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2018).

Ir-Rikorrent xehed ukoll illi d-dawl gol-*bus* kien mitfi u li l-*bus* ma kellhiex passiggieri[4]. Jekk il-*bus* kien mitfi u ma kellhiex passiggieri d-*destination sign* kien jew mitfi jew, jipprezumi t-Tribunal, kien juri "Not in service". Imkien fil-process ma ssemmiet "Not in service" u kwindi t-Tribunal ma ghandux dubju li d-*destination sign* kien mitfi.

[2] Ara dok. PA3
[3] Pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2018
[4] Pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-17 ta' Jannar 2019

Is-Sur Calleja, xhud imtella' mir-Rikorrent, xehed illi, "… kien hemm kazi li (id-*destination sign* fuq barra tal-karozza tal-linja u fuq id-*display* ta' gol-kabina) ma jissinkronizzawx tajjeb …. Imbaghad f'dak il-kaz kienet tigi mitfija sakemm jigu ta' l-IT u jissettjawha." Imkien fil-process ma hemm illi r-Rikorrent kien tefa d-*destination sign* minhabba nuqqas ta' sinkronizzazzjoni.

Is-Sur Calleja xehed illi d-*destination* kienet tidher ukoll fuq gewwa tal-*bus*. " (Ix-xufier) ikun jaf (jekk id-*destination* tkun hazina) ghax fuq id-*display* li jkollu gol-kabina, ikollu."[5] Mela allura r-Rikorrent kien jaf illi d-*destination sign* kien mitfi! Kieku kien mitfi minhabba hsara r-Rikorrent kien obbligat illi jirraporta lill-*Control Room*. Izda minn imkien ma rrizulta, lanqas minghand ir-Rikorrent innifsu, illi r-Rikorrent irrapporta xi hsara. U r-Rikorrent ma semmihiex din bhala gustifikazzjoni ghaliex id-*destination sign* kien mitfi.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi r-Rikorrent kien konxju li d-*destination sign* kien mitfi.

5.1.2. seta' halla passiggieri l-art meta l-vjegg li kien qed jaghmel kien l-ahhar wiehed fuq dik ir-rotta

Skond l-istess Minuti msemmija f'6.1.1. ir-Rikorrent ikkonferma li fl-incident ta' Frar kien qed jaghmel l-ahhar vjegg.

Li thalli passiggieri l-art fl-ahhar vjegg minghajr gustifikazzjoni hija gravissima. X'jaghmel min ma kellux flus fuqu biex jirritorna fir-residenza tieghu peress illi kien ippjana li juza l-*card* Tal-Linja? U jekk kellu flus bizzejjed, mnejn safejn ghandu jizborza flus ghal *taxi* minhabba li x-xufier tal-karozza tal-linja ghogbu jghaddi minn triq ohra jew jibqa' ghaddej? U min kien sejjer ghax-xoghol jispicca biex jew ikun kostrett illi jfalli x-xift jew jasal tard, u jbati l-konsegwenzi finanzjarji u dixxiplinarji li daz-zewg possibilitajiet jinkorru.

Is-Socjeta` ma gabet l-ebda prova li fil-fatt kien hemm passiggieri li thallew l-art. Is-Sur Jose` Maria Martin, *Control Room Manager* tas-Socjeta`, xehed illi l-karozza tal-linja li kienet qed taghmel l-ahhar vjegg ghal dik il-gurnata ta' l-incident u misjuqa mir-Rikorrent ma waqfet fuq l-ebda *bus stop.* Li thallew passiggieri l-art hija assunzjoni mhux prova.

Dok. JMM2, li huwa l-*waybill*, juri li bejn il-5.25 pm u t-8.44 pm ir-Rikorrent jew ma tella' l-hadd jew kull min tela' fix-xarabank misjuqa minnu ma hallasx – iz-zewg possibiltajiet huma nuqqas gravi. Fix-xiehda taghha fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2017 Ms Galea qalet illi waqt is-smiegh

[5] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-15 ta' Novembru 2018

dixxiplinarju ntern, "is-Sur Simiana saqsih (lir-Rikorrent) jekk rikkibx lil xi hadd u qallu 'Le ma rikkibt lil hadd'." (pagna 9 tat-traskrizzjoni). Fil-process ir-Rikorrent xehed illi l-karozza tal-linja saqha mitfija minn gewwa u li ma kellhiex passiggieri.[6]

L-akkuza hija bbazata fuq *data* cirkostanzjali tas-Socjeta` u l-buon sens jikkonkludi li r-Rikorrent halla passiggieri l-art. Fuq kollox ir-Rikorrent qatt ma rribatta l-akkuza. Anzi, ghall-mistoqsija ta' l-Avukat illi assista lis-Socjeta` Dott. Thomas Bugeja, "Tiftakar jekk ghabbejtx nies l-ahhar siegha/saghtejn tax-xoghol?" ir-Rikorrent wiegeb, "Le, ma ghabbejtx nies ...."[7] Ma qalx illi ma ghabbiex nies ghaliex ma kien hemm hadd fuq l-i*stage/s*.

It-Tribunal huwa konvint illi setghu thallew passiggieri l-art meta r-Rikorrent kien qed jaghmel l-ahhar vjegg fuq ir-rotta assenjata lilu.

5.1.3. telaq minn fuq il-post tax-xoghol aktar kmieni milli suppost u dan minghajr l-awtorizzazzjoni tas-Socjeta`

Ix-xift ta' l-ahhar tar-rikorrent suppost illi spicca fid-9.15 pm.[8] Skond ir-*records* tas-Socjeta`, "... *if the trip was supposed to last for one hour and fifteen minutes it only lasted like fifty-five minutes*."[9] Ir-Rikorrent ma kkontestax dil-akkuza.

Ir-Rikorrent ma kkonvinciex lit-Tribunal illi ha triq ohra bi zball genwin. "Meta xufier jinduna li ha zball ... suppost *at that point* jaghmel rapport jigifieri jcempel lill-*Control Room* ... u javzahom illi ha zball halli jihu struzzjoni minghandhom. ... ma kienx hemm dit-telefonata."[10]

"Dak iz-zmien kien hawn hafna li qed jaghmlu r-rotta imma jew jitfu d-*destination* jew jaghmlu *Sorry Not In Service* ghalkemm ikunu qed jaghmlu r-rotta; allura jkun qishom mitfija; allura hafna *complaints* tal-passiggieri li tal-linja m'humiex ighaddu."

It-Tribunal huwa konvint illi r-Rikorrent qata' r-rotta fil-qasir b'abbuz.

5.1.4. Injora t-telefonata li rcieva fuq il-*mobile*

---

[6] Ara 6.1.1. ta' dis-Sentenza
[7] Pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2019
[8] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Ottubru 2016
[9] Pagna 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-17 ta' Novembru 2016
[10] Ms Galea f'pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Ottubru 2016

Il-verzjoni tar-Rikorrent waqt is-smigh dixxiplinarju ntern skond il-minuti u dik li ta fix-xiehda tieghu lit-Tribunal fl-1 ta' Marzu 2018 ma jaqblux. Fis-seduta qal illi sema' l-mobajl u waqaf fl-ewwel *stage* izda ma regghux cemplulu.

U hu ma ndenjax ruhu jcempel lura! Il-gustifikazzjoni li gab ghax ma cempilx lura kienet, "… meta ccempel inti … hadd ma jwiegbek. Jew ighidlek, 'Jien ma cempiltlekx.' Allura jien ma cempiltx aktar."[11]

It-Tribunal ma jaccettax dil-gustifikazzjoni ghaliex ir-Rikorrent ma rritornax il-*chiamata*. Iddecieda li ma jcempilx aktar; jigifieri njora totalment bl-aktar mod kapriccuz u rresponsabbli procedura bazilari u essenzjali biex is-Socjeta` zzomm kuntatt kontinwu max-xufiera li jkunu fuq il-lant tax-xoghol taghhom. Ix-xhud illi tella' r-Rikorrent, is-Sur Calleja li kien jahdem fil-*Control Room*, ma xehedx illi kien inutli li tirritorna t-telefonati ghax il-*Control Room* tas-Socjeta` ma jwiegbux it-telefonati jew inkella meta jwiegbuhom ighidu li mhux huma cemplu! U anki, f'pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2019 ir-Rikorrent xehed illi ccekkja n-numru xhin dahal fid-*depot*. Allura ghaliex, skond hu, waqaf fl-ewwel *stage* li lahaq wara t-telefonata mis-Socjeta`? Ma jaghmilx sens illi tircievi telefonata, ma tafx minghand min hi, twaqqaf il-*bus*, toqghod tistenna li tidhol xi telefonata ma tafx minghand min u xhin ifettillek targa' tibda ssuq! Din l-iskuza mhix kredibbli!

Dan huwa nuqqas gravi da parti tar-Rikorrent specjalment fid-dawl ta' pagna 4 tal-kuntratt ta' l-impjieg, fejn ighid illi, "Inti obbligat li tezegwixxi dmirijietek bl-ahjar mod possibbli … u li tikkopera mal-Kumpanija …." Ghamel lilu nnifsu *incommunicado*!

*Failing to follow Company procedures* taqa' taht *final written warning* skond pagna 28 ta' l-*Information Guide & Regulations*. Li ma rritornax it-telefonata taqa' taht din. Mela diga` ghamel zewg ghemejjel illi haqqhom *final written warning* kull wiehed – 6.1.1. u din.

5.1.5. saq il-karozza tal-linja fdata lilu f'rotta mhux awtorizzata mis-Socjeta`

5.1.5.1. Dok. JMM3[12] juri li kien hemm bosta *bus stops* fejn ir-Rikorrent ma waqqafx lix-xarabank illi kien qed isuq jew inkella ha rotta ohra.

---

[11] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2019.

[12] Dok. JMM3 huwa r-*running timeline* tar-rotta 206 ta' nhar it-3 ta' Frar 2016, jum l-incident, u turi li r-rotta kienet numru 206 u mhux kif xehdu Ms Galea u s-Sur Martin, 204. Din giet ikkjarifikata mill-affidavit tas-Sur Martin, datat 2 ta' Marzu 2017 u

5.1.5.2. MPT1, li huwa l-kuntratt ta' l-imjieg tar-Rikorrent mas-Socjeta`, juri li r-Rikorrent beda t-tali mpjieg mis-7 ta' Settembru 2011, jigifieri kellu kwazi erba' snin u nofs esperjenza fix-xoghol tieghu mas-Socjeta` u allura kien jaf il-gravita` ta' l-abbuzi li wettaq fit-3 ta' Frar 2016. Ghalkemm fir-risposta ghar-rikors promotur ix-xoghol ta' xufier tar-Rikorrent kien ikkwalifikat bhala "inizjalment" Ms Galea xehdet illi r-Rikorrent dejjem kien xufier[13]. Jigifieri kien jaf tajjeb x'kien mistenni minn xufier mas-Socjeta`.

Dan hu punt li qajmet Ms Galea fix-xiehda taghha, "Li kieku kien vera ha zball genwin (li zbalja parti mir-rotta) il-procedura dixxiplinarja tghid illi ghandu jcempel lill-*Control Room* u javza. … ma saritx dik."[14] "(Dil-procedura tohrog) fit-taghlim, fit-*training* li nghaddu ahna – dejjem inghidu li meta jigri xi haga li mhix in-normali kkuntattja lill-*Control Room* u avza. … (din nghiduha) fl-induzzjon meta jidhol xufier gdid … anka matul iz-zmien illi mpjegat jaghmel maghna jkollna ahna notifiki formali f'das-sens." Ms Galea ghamlet referenza ghall-esperjenza tar-Rikorrent bhala xufier ukoll f'pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016, "Issa ghalina naturalment il-fatt illi Philip ghandu dil-esperjenza ta' xufier ghal tul ta' zmien mhux xi hadd gdid li tista' tghid aljena ruhu. Ix-xoghol tieghu jafu u r-rotot jafhom sewwa." Dil-bicca kienet rigward il-konfessjoni tar-Rikorrent illi zbalja parti mir-rotta ghax aljena ruhu.

Pero` r-Rikorrent xehed (pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2018) illi, "Dak iz-zmien kienu biddlu r-rotot kollha …"[15] u din ma gietx ikkontestata mis-Socjeta`. Kien zmien illi nbidlu r-rotot. U kien ghalhekk illi, "tant drajt immur lejn Marsa *Park and Ride* li kif qbiztha ezatt indunajt li zbaljajt."[16]

5.1.5.3. Fix-xiehda tieghu tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2018[17] ir-Rikorrent qal illi lis-Sur Simiana, HR Executive tas-Socjeta`, qallu, "… ha nghidlek, … qbizt bicca."

kkonfermat mir-Rikorrent fix-xiehda tieghu tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2018 (pagna 3 tat-traskrizzjoni).

[13] Pagna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2017, u pagni 1, u 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2018
[14] Pagna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2017
[15] Pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2018
[16] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2018
[17] Pagna 5 tat-traskrizzjoni

5.1.5.4. Li saq f'direzzjoni mhux awtorizzata mis-Socjeta` huwa ppruvat.

5.1.6. kien jahdem sighat twal hafna

Ghall-mistoqsija ta' l-ewwel avukat illi assistietu, Dott. Carina Bugeja Testa, "… Bhala xift x'kont tahdem bhala hinijiet?" ir-Rikorrent wiegeb illi, "… l-gurnata tieghi tar-*rest* kont nahdimha wkoll …. Tibda fil-hamsa ta' filghodu sa nofs il-lejl. …Gieli l-ghada (fil-hamsa nerga' nibda). (Dawn) kienu jkunu spiss."[18]

Is-Socjeta` taf bizzejjed illi sighat twal ta' xoghol ighinu biex inaqqsu mill-prontezza fir-riflessi u mill-attenzjoni u koncentrazjoni li huma mistennija mix-xoghol ta' xufier, apparti milli jaghmlu lix-xufier nervuz u impazjenti. Ma ghandhiex thaddem impjegati b'sighat eccessivi, anki jekk l-impjegat ikun lest jew joffri li jahdimhom. Is-sahha ta' l-impjegat tigi l-ewwel; anki ghax din ghandha riperkussjoni fuq il-*performance* tax-xoghol.

5.2. L-ittra tat-tkeccija[19] tghid illi r-raguni tat-tkeccija kienet dik illi r-Rikorrent saq il-karozza tal-linja fdata lilu f'rotta li ma kenitx awtorizzata u/jew li haddem is-servizz b'mod irregolari ghall-ahhar.

Fost l-ezempji li l-*Information Guide & Regulations*[20] jaghti li jiggustifikaw twissija finali bil-miktub hemm, "*unauthorised off service route and/or serious irregular service operation".* Mela l-abbuz illi kkommetta r-Rikorrent jaqa' taht dil-Gwida/Regolament.

Huwa minnu pero` li l-ittra tissokta tghid, "*… as detailed in your charge letter dated 4th February 2016*."

Ic-*charge letter* tistieden lir-Rikorrent jattendi nkjesta dixxiplinarja formali dwar il-ksur tal-obbligu tar-Rikorrent li jaqdi dmirijietu kif imiss. L-inkjesta kienet dwar *gross misconduct* min-naha tar-Rikorrent peress illi r-Rikorrent hadem rotta li kienet *off service* u mhux awtorizzata, u/jew kwalunkwe agir iehor jew imgieba li toffendi jew tkun ta' dannu ghal jew tmur kontra l-interessi tal-Kumpanija jew ta' xi mpjegat iehor. L-ittra tghid ukoll illi f'kaz ta' *gross misconduct* l-inkjesta tista' twassal biex ir-Rikorrent jitkecca mill-impjieg. F'dal-istadju c-*charge* bilfors illi kien dwar "agir iehor jew imgieba li toffendi jew tkun ta' dannu ghal jew tmur

18 Pagni 2, u 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2018
19 Dok. PA2
20 MPT6

kontra l-interessi tal-Kumpanija jew ta' xi mpjegat iehor" u dan ghaliex sa dak in-nhar illi nharget ic-*charge letter* is-Socjeta` kienet ghadha ma tafx illi r-Rikorrent hadem bicca rotta li kienet *off service* u mhux awtorizzata.

Pagna 3 tal-kuntratt ta' l-impieg (Dok. MPT1) tistipula li, "Inti mistenni li … ggib ruhek b'mod professjonali f'kull hin waqt il-qadi ta' dmirijietek, kemm mal-passiggieri kif ukoll mal-pubbliku in generali." Certament ir-Rikorrent ma gabx ruhu b'mod professjonali waqt il-qadi ta' dmirijietu nhar it-3 ta' Frar 2016.

5.3. L-akkuza tas-Socjeta` verso r-Rikorrent skond ic-*charge letter* kienet ta' "*Gross misconduct: unauthorised off service route and/or serious irregular service operation as per report attached; any other form of behaviour or conduct which is offensive or harmful or detrimental to the Company's interests or any other employee's interests*."

Presumibilment is-Socjeta` qieset illi l-agir tar-Rikorrent kien ta' dannu ghall-interessi tas-Socjeta`. Izda, kif muri fil-paragrafu ta' qabel dan, meta harget ic-*charge letter* l-akkuza kienet dik ta' *serious irregular service operation as per report attached*. Din taqa` carament taht *final written warning*[21].

Anki kieku l-ittra tat-tkeccija riedet tirreferi wkoll ghal *unauthorised off service route*, skond pagna 28 tal-*Information Guide and Regulations*, "*unauthorised off service route and/or serious irregular service operation*" jisthoqqilhom, "*a final written warning*".

5.4. Ghat-Tribunal, fic-**<u>cirkustanzi,</u>** l-agir tar-Rikorrent skond il-parametri ta' l-*Information Guide and Regulations* ta' l-istess Socjeta` ma kkostitwiex *gross misconduct*. Izda anki jekk ikkostitwixxa *gross misconduct*, trid tara jekk ir-Rikorrent kienx hati ghal kollox biex jisthoqqlu tkeccija mill-impjieg.

Ms Rachel Galea, HR Executive tas-Socjeta`, xehdet illi li d-*destination sign* ikun mitfi hija kontra r-regoli tas-Socjeta`[22]. Kompliet tixhed illi hija *gross misconduct* ghas-Socjeta` ghaliex, "… ahna kif mitlubin bil-kuntratt ma konniex qeghdin nonoraw dawn l-obbligi taghna; jigifieri hemm il-konsegwenzi li ahna suppost qed noperaw servizz u mhux qieghed jezisti ghax xarabank mitfija hadd ma jwaqqafha…"

[21] Pagna 28 ta' l-Information Guide & Regulations (Dok. MPT4)
[22] Pagna 1 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016

Huwa minnu li s-Socjeta` qeghda tigi ssussidjata b'mod qawwi ghall-operat taghha minn fondi pubblici, u ghalhekk kemm l-impjegat kif ukoll is-Socjeta` ghandhom obbligi mhux biss lejn xulxin izda wkoll lejn il-pubbliku.[23]

Fl-istess hin pero` is-Socjeta` trid toqghod attenta illi ma tinterpretax, "*any other form of behaviour or conduct which is offensive or harmful or detrimental to the Company's interests …*", li skond pagna 30 ta' l-*Information Guide & Regulations* jikkostitwixxi gustifikazzjoni ghal tkeccija, b'mod wiesgha. Kull agir irresponsabbli min-naha ta' l-impjegat iqieghed lis-Socjeta` f'qaghda kerha mal-pubbliku u/jew l-Awtoritajiet. *Serious irregular service operation* jimmerita *final written warning* – hekk huwa stipulat fl-*Information Guide & Regulations* – izda mhux *gross misconduct*.

Anki meta s-Socjeta` saret taf illi r-Rikorrent kien hati li ghamel *unauthorised off service route,* u dan saret tafu mir-Rikorrent innifsu, dan l-agir hazin jaqa' taht *a final written warning* u dan skond l-*Information Guide & Regulations*.

5.5. Is-Socjeta` tista' targumenta li r-rikorrent naqas fuq diversi punti li kollha mmeritaw *final written warning*. Izda dawn kollha graw fl-istess okkazjoni. U ghalhekk ir-rikorrent ma nghatax ic-cans illi jkun imwiddeb serjament; inqatghetlu ghat-tkeccija mill-ewwel.

5.6. L-ittra tat-tkeccija ntbaghtet wara smiegh li fih r-Rikorrent ta l-verzjoni tieghu, liema smiegh sar fil-prezenza tar-rapprezentanti tat-*trade union* tieghu, u wara li s-Socjeta` irrikonsidrat id-decizjoni taghha fuq appell tar-Rikorrent. Il-partijiet qablu li s-Socjeta` mxiet b'mod serju fit-trattament tal-Kaz f'dak illi ghandu x'jaqsam ma' procedura ta' lmenti.

5.7. "Inkwetat hafna fuq dan il-kaz." Hekk qal ir-Rikorrent waqt is-smiegh dixxiplinarju ntern tal-11 ta' Frar 2016, skond il-Minuti (Dok. MPT5).

Ms R. Galea, pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016, xehdet illi, "Qal fatt iehor li ghalina kien … gdid. Ikkonfermalna li kien anke ghamel parti

[23] L-affidavit tat-2 ta' Marzu 2017 tas-Sur Roderick Bajada, *Human Resources Director* tas-Socjeta`, jiddikjara li s-Socjeta` tircievi sussidju ta' aktar minn hamsa u ghoxrin miljun Ewro fis-sena mill-Gvern ta' Malta; is-servizz illi taghti s-Socjeta` huwa *essential service* ai termini ta' l-Artiklu 64(6)(g) tal-Kap 452. Ghaldaqstant il-*performance* tas-Socjeta` hija krucjali ghall-pajjiz.

mir-rotta hazin." Il-fatt illi r-Rikorrent stqarr dan minn jeddu juri element ta' sincerita` u onesta`. Dan juri rimors.

5.8. Ir-Rikorrent, matul servizz ta' ftit anqas minn erba' snin u nofs, qatt ma kellu mizura dixxiplinarja mehuda kontra tieghu.

Fil-process issemmew *charges* pendenti.

Filwaqt illi fir-risposta ghar-rikors promotur is-Socjeta` ddikjarat illi, "c-*charge letters* pendenti relatati ma' kollizjonijiet bil-vetturi tas-Socjeta` ma ffurmawx parti mill-motivazzjoni ghat-tkeccija," Ms Galea xehdet illi, "… kien ghad ghandna *charges* ohrajn (Dok. MPT6 u MPT7)."[24]

Iz-zewg habtiet saru fil-21 ta' April 2015 u fit-28 ta' Ottubru 2015. Dok. MPT6 juri li fl-ewwel habta d-danni kienu, "small scratch" u ma hemmx taghrif dwar jekk il-vjegg baqax sejjer jew le; u fit-tieni habta, "no damage" u r-rotta ma tkomplietx.

Kieku r-Rikorrent kien ipprocessat ghaz-zewg *charges* x'aktarx illi, skont l-*Information Guide & Regulations*[25], jekk l-incidenti kienu jitqiesu bhala *minor road traffic accidents*, ir-Rikorrent kien jihu zewg *written warnings*. Izda jekk ir-Rikorrent kienux jisthoqqulu mizuri dixxiplinarji rigward daz-zewg incidenti hija assunzjoni, ghaliex is-Socjeta` kienet ghadha ma semghetx id-difiza tar-Rikorrent b'mod formali bhala parti mill-process dixxiplinarju. Probabbilment kienet taf l-argumenti tad-difiza tieghu bhala parti mill-process normali ta' l-investigazzjoni li ssir mill-kumpanija ta' l-assikurazzjoni fil-kazi ta' incidenti tat-traffiku. Izda l-process dixxiplinarju ntern irid isir. U dan ma sarx.

Dok. MPT6 juri li fiz-zewg habtiet illi kellu r-Rikorrent bil-karozza tal-linja li kien qed isuq huwa kellu tort skond il-*Claims Department* tas-Socjeta`. Is-Socjeta` ma setghetx tikkonsidrahom bhala parti mir-raguni tat-tkeccija ghaliex meta l-*Claims Department* sab illi t-tort taz-zewg incidenti tat-traffiku (il-habtiet) kienu tar-Rikorrent, it-tkeccija kienet diga` sehhet. Pero`, meta ttiehdet id-decizjoni ta' l-appell mid-decizjoni tat-tkeccija, fil-procedura nterna tas-Socjeta`, liema decizjoni ta' l-appell ittiehdet fil-5 ta' Mejju 2016, ir-rapporti tal-*Claims Department* kienu hargu peress illi dawn hargu fid-29 ta' Frar 2016. Fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2016, pagna 1 tat-traskrizzjoni tas-seduta, Ms Galea xehdet illi, "Philip kien hati ta' dawn l-incidenti u **<u>ahna hallasna l-ispejjez</u>**."

[24] Pagna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016
[25] Pagna 28

It-Tribunal ma jarax ghaliex issemmew dawn ic-*charges* jekk ma nfluwenzawx id-decizjoni tat-tkeccija u, suppost, **<u>lanqas id-decizjoni ta' l-appell</u>**.

5.9. It-Tribunal ihoss illi ghandu jirrileva li min ihaddem jenhtieg illi jkun konxju li hemm diversi gradi ta' dixxiplina qabel it-tkeccija – twissijiet bil-fomm, twissijiet bil-miktub, sospensjoni mix-xoghol bla hlas (fejn jezisti Ftehim Kollettiv li jipprovdi ghal tali mizura, bhal fil-Kaz odjern[26]), tnaqqis fil-grad ta' l-impjieg (*demotion*).

5.10. Fil-kunsiderazzjonijiet tieghu biex jiddetermina x'pass dixxiplinarju ghandu jiehu, min ihaddem ghandu jizen il-hazin mat-tajjeb illi l-impjegat koncernat ikun ghamel ma' l-azjenda. L-*employer* irid jikkunsidra wkoll jekk l-impjegat koncernat ikkommettiex l-aggravju ghax ried, b'hazen, jew inkella minhabba djufija umana li, mill-imgieba tieghu matul iz-zmien illi jkun ghamel ma' l-azjenda, il-probabbilita` tkun illi l-impjegat ma jkunx se jerga' jaghmilha, ghax kien zball tal-mument. Irid jikkunsidra wkoll l-attitudni ta' l-impjegat kif ippruvata matul is-servizz illi jkun ta lill-azjenda. Jekk l-attitudni ta' l-impjegat generalment kienet pozittiva, rispettabbli, u onesta, din ghandha tinghata mportanza kbira.

Naturalment, f'kaz illi l-aggravju fl-agir fuq il-post tax-xoghol ikun serjissimu minnu nnifsu, bhal serq/hsara lill-proprjeta` ta' l-azjenda, vjolenza, *bullying/*fastidju ripetut, insubordinazzjoni gravi, attitudni negattiva ghal kollox b'riperkussjonijiet serji fuq impjegati ohra u/jew l-azjenda *per se*, tehid u/jew tixrid ta' sustanzi perikoluzi, ma jkunx hemm alternattiva ghat-tkeccija.

Is-Sur Charlton Calleja xehed illi, "Gieli … kien ikun hemm *accident* … ikollok *bus* wieqfa u trid tibghat *bus* ohra, kien ikollna (per) ezempju *buses* u xufiera ma jkollniex, gieli kien ikun qieghed fil-*break* tieghu jew ghal mod tal-kelma spicca, sejjer lejn id-dar, tghidlu, 'Aghmilli pjacir, mur gibli hemm vjegg nies mur hudhom fit-triq taghhom.' 'Mhux problema.' Dik il-kelma li kien ighid hu. 'Arani sejjer.' Jaqbad il-*bus* u dejjem telaq."[27]

It-Tribunal jinnota li dan ma giex ikkontestat mis-Socjeta`.

5.11. Dok. JS1, li hija l-employment history tar-Rikorrent kif tidher ghand il-Jobsplus, turi li fl-4 ta' Marzu 2016 huwa sab impjieg u sakemm intemmu s-seduti tat-Tribunal baqa' mpjegat. Il-fatt illi r-Rikorrent, wara t-tkeccija, mill-ewwel fittex u sab impjieg, jikkonferma dak illi xehed is-Sur Calleja dwaru – li r-Rikorrent huwa habrieki, biezel, jahdem iebes.

[26] Xiehda ta' Ms Galea, pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2017
[27] Pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-15 ta' Novembru 2018

5.12. Skond l-ittra tat-tkeccija il-motivazzjoni kienet imsejsa fuq l-"incident tat-3 ta' Frar 2016", liema ghemil, skond l-*Information Guide & Regulations* tas-Socjeta`, huwa sanzjonat permezz ta' *final written warning*. Ghat-Tribunal dan ma jiggustifikax l-aktar mizura drastika ta' dixxiplina u cioe` dik ta' tkeccija. Ir-Rikorrent kellu jinghata cans iehor. U dan, aktar u aktar, f'dal-kaz, meta *si tratta* minn impjegat illi ta lilu nnifsu lis-Socjeta` kif xehed is-Sur Calleja, liema xiehda ma gietx michuda mis-Socjeta` u kif ir-Rikorrent stess iddikjara li s-Sur Simiana kien sorpriz meta dan ircieva r-rapport fuq l-incident ta' Frar.

Il-Minuti ma jurux li gew diskussi mankanzi serji ohra.

5.13. It-Tribunal jinnota li filwaqt illi fid-dikjarazzjoni tal-kaz ir-Rikorrent talab lit-Tribunal biex ir-Rikorrent jithallas kumpens gust mis-Socjeta`, ma semmiex it-talba li kien ghamel fir-rikors promotur li t-Tribunal igieghel lis-Socjeta` taccetta lir-Rikorrent lura ghax-xoghol; lanqas fin-Nota Responsiva tar-rikorrent ghan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-Socjeta` ntimata ma saret tali talba.

## 6. Konkluzjoni

6.1. Ir-Rikorrent tkecca minhabba, "*Driver travelling with Bus Destination switched off*"[28]. Is-Socjeta` ddecidiet illi tali mankanza kkostitwiet, "*serious irregular service operation*"[29]. Skont il-Gwida tas-Socjeta` tali mankanza hija espressament indikata bhala li timmerita, "*a final written warning*"[30]. Is-Socjeta` sostniet illi l-agir tar-Rikorrent kien detrimentali ghall-interessi tal-Kumpanija. Peress illi skond il-Gwida msemmija agir deterimentali ghall-interessi tal-Kumpanija jikkostitwixxi *gross misconduct* u allura jisthoqq tkeccija[31], is-Socjeta` kkonkludiet illi r-Rikorrent kellu jitkecca.

6.2. Il-lista ta' ezempji li skond il-Gwida msemmija jimmeritaw *a final written warning* tinkludi "*serious failing in work standards*", "*serious customer service complaint*", "*unprofessional driving standards*", u "*serious traffic accident*". Kull wiehed minn dawn il-mankanzi huwa agir detrimentali ghall-interessi tal-Kumpanija, izda s-Socjeta` trid tiddeciedi jekk ghandhomx jaqghu taht *a final written warning* jew taht tkeccija. Ma tistax thallihom miftuhin illi jaqghu taht iz-zewg mizuri dixxiplinarji. Naturalment jekk ikun hemm ripetizzjoni ta' agir illi

[28] Dok. MPT8, u dok. MPT2
[29] Dok. MPT8
[30] Pagna 28 ta' Dok. MPT4
[31] Pagna 30 ta' Dok. MPT4

normalment jimmerita *a final written warning* u tali ripetizzjoni ssehh f'intervall ta' ftit snin allura jkun jimmerita tkeccija.

6.3. Ir-Rikorrent ikkommetta diversi mankanzi serji. Dan irid ikun rifless fil-kumpens illi t-Tribunal jaghtih billi l-kumpens ikun imtaffi biex jikkorrispondi ma' tali mankanzi.

6.4. Ghalkemm l-attitudni tar-Rikorrent bhala mpjegat ghandha elementi pozittivi, huwa zbalja serjament u wasal ukoll biex il-gustifikazzjoni li pprova jgib ghall-agir tieghu kienet tbati minn kredibbilita`, u ghalhekk is-Socjeta` ma tistax tkun mistennija li tirripristina r-relazzjoni taghha ta' *employer*/impjegat mar-Rikorrent .

6.5. L-elementi pozittivi huma ndikati f'6.1.5.2 (l-ahhar paragrafu – "… indunajt illi zbaljajt"), 6.1.5.3 (peress illi kien hu li gharraf lis-Socjeta`, minn jeddu, li saq fuq rotta mhux awtorizzata[32]), 6.7, 6.10, u 6.11.

Dawn jattenwaw il-gravita` ta' l-agir abbuziv tar-Rikorrent.

7. **Decizjoni**

Wara li fela r-rikors tas-Sur Philip D'Anastasi, ir-risposta ta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited, id-dokumentazzjoni kollha li ngiebet ghall-attenzjoni tat-Tribunal, ix-xiehda kollha kif traskritta, is-sottomissjonijiet finali taz-zewg partijiet, u rrifletta sewwa fuq il-kunsiderazzjonijiet illi ghamel it-Tribunal kif elenkati f'dal-process, l-istess Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-Socjeta` ma kenitx wahda gusta u ghalhekk jilqa' t-talba tar-rikorrent ghal kumpens.

It-Tribunal jistablixxi tali kumpens ghas-somma ta' sitta u tletin elf, mija u hdax il-Ewro (€36,111)[33]. Is-socjeta` ntimata hija ordnata thallas dis-somma lir-Rikorrent mhux aktar tard mid-29 ta' Frar 2020 b'dan illi s-socjeta` ntimata thallas lir-rikorrent mhux anqas minn ghoxrin elf (€20,000) mis-somma msemmija mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2020.

---

[32] Pagna 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2018

[33] Il-kalkolu tal-kumpens huwa moghti u spjegat fl-Appendici ta' dis-Sentenza. It-Tribunal ghamel il-kalkoli tieghu mid-dokumenti pprezentati lilu u wasal ghal total ta' danni reali kemm xejn oghla minn dawk pretizi mir-rikorrent. Barra minn hekk, fin-nota responsiva tar-rikorrent ghan-nota ta' sottomissjonijiet finali tas-socjeta` ntimata, hemm diskrepanza bejn it-total ta' Di, ii, u iii, u c-cifra li tidher fil-Konkluzjoni tal-istess nota responsiva. Jidher car illi dan kien zball genwin tar-rikorrent.

Ghall-finijiet tal-Avviz 48 tal-1986 rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed, b'dan illi l-ammont totali ta' €186.34 jithallas mis-socjeta` ntimata.

Ghall-iskopijiet tal-artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi dal-Kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-Ligi minhabba differimenti u ragunijiet amministrattivi.

B'hekk tintemm dil-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmata)**

Joseph Delia

Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Ghas-Segretarju

**KAZ NRU 3469 - APPENDICI**

| | |
|---|---|
| Dok. SV2 juri li f'7.7 gimghat ir-rikorrent qala' €5,081, jew €659.9 fil-gimgha, mis-Socjeta` Ntimata; it-Tribunal jassumi li l-*performance bonus* ma jinghatax kull gimgha u ghalhekk il-€5,081 ma jinkludux tali bonus | **€ 659.90** |
| Danni reali: | |
| (i) 21 jum qieghed (Dok. SV4, u SV5: 25.02.16-03.03.16, 21.05.16-23.05.16, u 20.05.17-29.05.17); dawn huma ekwivalenti ghal 3 gimghat | 1979.70 |
| (ii) id-differenza fil-qliegh matul l-impjieg ma' JF Services Ltd, li fih dam 10.9 gimghat; Dok. SV7 juri li fi zmien 3.7 gimghat ir-rikorrent qala' €202.2 gross fil-gimgha; 659.9-202.2 = 457.7 | 4988.93 |
| (iii) id-differenza fil-qliegh matul l-impjieg ma' Unique Turnkey Ltd; Dok. SV1 juri li matul 31.1 gimgha (24.05.16-31.12.16) ir-rikorrent qala'€7,014 gross, u cioe` €225.5 fil-gimgha; huwa ghamel 51.2 gimghat ma' Unique | 22241.28 |
| (iv) id-differenza fil-qliegh matul l-impjieg ma' Aviaserve Ltd; Dok. SV6 juri li f'4 gimghat ir-rikorrent qala'€2,317.5 gross, u cioe` €538.9 fil-gimgha; skond Dok. SV5 huwa ghamel mill-anqas mit-30.05.17 sat-23.01.19 ma' Aviaserve, u cioe` 85 gimgha. | 10285.00 |
| Total ta' danni reali sofferti mir-rikorrent skond id-dokumenti pprezentati lit-Tribunal | **39494.91** |

Rigward danni li jistghu jkunu sofferti mir-rikorrent wara t-23.01.19, li hija l-aktar data recenti ta' mpjieg ipprezentata fl-atti tal-Kaz (Dok. SV5):

ir-rikorrent jilhaq l-eta` pensjonabbli meta jaghlaq 65 sena u cioe` 10 snin ohra u jirtira (Dok. PA1 ipprezentat mir-rikorrent jassumi li r-rikorrent jirtira mal-eta` tal-pensjoni); huwa difficli tghid x'kien jigri matul dal-10 snin kieku r-rikorrent ma tkecciex mis-Socjeta` Ntimata; l-impjieg mas-Socjeta` seta` jintemm matul l-10 snin, jew min-naha tas-Socjeta`, jew mir-Rikorrent, jew minn cirkostanzi li la s-Socjeta` u lanqas ir-rikorrent ma jkollu kontroll fuqhom, bhal ricessjoni ekonomika li tirrizulta f'waqa' fl-attivita` turistika u kwindi fl-uzu tas-servizz tas-Socjeta`, mard, infortunju fiziku, ecc. li ma jhallux lir-rikorrent jissokta fl-impjieg; rigward is-sahra li r-rikorrent kien imdorri jaghmel mas-Socjeta` (l-ahhar pagna tan-nota responsiva tar-rikorrent, ricevuta mit-Tribunal nhar il-31 ta' Ottubru 2019) it-Tribunal ma japprovax l-ammont ta' sahra (80 siegha fil-gimgha) li r-rikorrent stqarr illi kien jahdem mas-Socjeta`, meta fl-istess hin huwa kien qed jahdem gimgha bazika ta' 48 siegha fil-gimgha (Dok. PA1); dan-numru kbir ta' sighat ta' xoghol huwa ta' hsara ghas-sahha tar-rikorrent u periklu ghas-sigurta` kemm tal-passiggieri kif ukoll tal-vetturi li jiltaqa' maghhom waqt is-sewqan; barra minn hekk, is-sahra qatt ma tista' tkun garantita; fatturi ohra li jaffettwaw il-likwidazzjoni tal-kumpens huma dawk illi b'rizultat taghhom is-Socjeta` tista' tnaqqas jew telimina s-sahra jinkludu riorganizzazzjoni tax-xoghol u tar-rotot, sviluppi teknologici, u/jew tnaqqis fid-domanda ghas-servizz; ghall-10 snin illi gejjin it-Tribunal se jihu d-differenza bejn il-qliegh illi r-rikorrent kien jaghmel mas-Socjeta` Ntimata u dak mal-ahhar azjenda li r-rikorrent kien jahdem maghha f'Jannar 2019 (ara l-introduzzjoni ta' dal-paragrafu); tali differenza hija ta' €121 fil-gimgha, jigifieri ta' €6,292 fis-sena; ghal 10 snin dawn ifissru €62,920; dan jassumi li (a) kieku r-rikorrent baqa' mas-Socjeta` Ntimata kien jibqa' jahdem l-istess numru ta' sighat li kien jahdem f'Jannar/Frar 2019 (skond Dok. SV2) u (b) r-rikorrent jibqa' jahdem ma' Aviaserve u bin-numru ta' sighat illi kien qed jahdem f'April 2019 (Dok. SV6); izda kif spjegat aktar 'il fuq fil-kaz tas-Socjeta` Ntimata, hemm fatturi li jistghu jbiddlu l-kundizzjonijiet kemm tal-azjenda kif ukoll tar-rikorrent; fattur ewlieni huwa dak illi fid-dinja tal-lum l-incertezza hija kbira hafna; ghall-fatturi kollha msemmija f'dal-paragrafu t-Tribunal jaghti probabbilta` ta' 60% li l-qliegh tar-Rikorrent ma jkunx anqas minn dak illi kien jaqla f'Jannar/Frar 2016 minghand is-Socjeta' Ntimata; 60% ta' 62,920 jigu €37,752. Mela, il-kalkolu ta' danni reali huwa ta' €39,495 + €37,752 = €77,247; ma' dan irid jinghata kunsiderazzjoni wkoll ghall-*performance bonus;* it-Tribunal jikkonkludi li in vista tal-habtiet illi kien involut fihom ir-rikorrent u l-agir irresponsabbli li dwaru ttratta l-Kaz odjern, iqis probabbilta` ta' 50% li r-rikorrent kien jikkwalifika ghall-*bonus* matul l-10 snin li kien ikun fadallu sa ma jirtira. Ghalhekk ir-rikorrent kien x'aktarx jaqla' €3,000 bhala *bonus* matul l-10 snin, biex b'hekk it-total ta' danni reali kien isir €80,247. Pero` dal-ammont kien ikun dovut kieku r-rikorrent kien innocenti. Fil-fatt l-agir irresponsabbli tar-rikorrent, bil-konsegwenzi tieghu kemm fuqu nnifsu kif ukoll fuq is-Socjeta` Ntimata, ikkontribwixxa ghad-decizjoni tat-tkeccija; dan huwa spjegat mis-6.1.1 sas-6.1.5 tal-Kunsiderazzjonijiet illi ghamel dat-Tribunal. Ghalhekk ir-rikorrent ghandu jgorr ir-responsabbilta` ta' ghemilu u dan ikun rifless fil-kumpens. Fattur iehor illi t-Tribunal jikkunsidra huwa dak imsemmi mis-Socjeta` Ntimata f'punt numru 51 tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha, ricevuta mit-Tribunal nhar it-3 ta' Settembru 2019, u cioe` kemm ir-rikorrent dam jaghti servizz lis-Socjeta`. Ghal dar-ragunijiet il-piz ta' kumpens tas-Socjeta` jitnaqqas ghal €36,111.